ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Għodod li jippermettu li ssir referenza għad-*data* tal-SCIP diġà sottomessa lill-ECHA

Diċembru 2021

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Dan id-dokument għandu l-għan li jgħin lill-utenti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE (WFD). Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tad-WFD huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors ikun kompletament rikonoxxut.

| Verżjoni | Tibdil | |
|---|---|---|
| 1.0 | L-ewwel verżjoni | Awwissu 2020 |
| 2.0 | Iż-żieda tal-karatteristika tan-"Notifika/Notifiki Ssimplifikata/ Ssimplifikati tal-SCIP għal Entità Legali waħda jew aktar", ta' eżempji ipotetiċi, u ta' aktar informazzjoni dwar kif id-*data* se tkun disseminata fil-bażi tad-*data* tal-SCIP u dwar il-kontenut tar-rapporti ta' sottomissjoni. | Diċembru 2021 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**Għodod li jippermettu li ssir referenza għad-*data* tal-SCIP diġà sottomessa lill-ECHA**

**Referenza:** ECHA-20-H-13-MT
**ISBN:** 978-92-9481-670-2
**Numru tal-Kat:** ED-01-20-480-MT-N
**DOI:** 10.2823/112717
**Data tal-pubblikazzjoni:** Diċembru 2021
**Lingwa:** MT

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2021
Qoxra © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti relatati ma' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq:

http://echa.europa.eu/contact

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Il-Finlandja

# Werrej

**1. INTRODUZZJONI ........................................................................................ 4**

**2. NOTIFIKA SSIMPLIFIKATA TAL-SCIP ................................................................ 7**

2.1 Kif taħdem in-notifika ssimplifikata tal-SCIP? ........................................................ 9
2.2 Sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP bl-ingrossa.........................................13
2.3 L-użu ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP minn kumpaniji fi ktajjen ta' provvista differenti ..17
2.4 Notifika/Notifiki Ssimplifikata/Ssimplifikati tal-SCIP għal Entità Legali waħda jew aktar ..19

**3. "REFERENZJAR" F'NOTIFIKA TAL-SCIP.............................................................. 23**

3.1 Kif jaħdem ir-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP?.......................................................25

# Werrej tal-Figuri

Figura 1: Rapport ta' sottomissjoni għal notifika tal-SCIP li jkun fiha dossier ...................................... 5

Figura 2: Ħarsa ġenerali lejn in-notifika ssimplifikata tal-SCIP għall-eżempju ipotetiku ta' rota (Rota A). . 9

Figura 3: Kif jidhru l-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA (A) u t-taqsima tan-"Notifika Ssimplifikata tal-SCIP" (notifika ssimplifikata tal-SCIP) (B), kif ukoll is-sottomissjoni ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP għal numru individwali tal-SCIP (B) ..................................................................................... 11

Figura 4: Rapport ta' sottomissjoni għal Notifika Ssimplifikata tal-SCIP (SSN) b'suċċess ..................... 12

Figura 5: '*Export to Excel*' Il-funzjonalità (Esporta f'Excel) fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA tippermetti l-esportazzjoni tan-numri tal-SCIP ta' sottomissjoni waħda jew aktar, kif ukoll informazzjoni oħra dwar is-sottomissjoni ............................................................................................ 13

Figura 6: Ħarsa lejn it-taqsima '*Simplified SCIP notification*' fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA u s-sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità ............................................................ 14

Figura 7: Is-sottomissjoni ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP fi kwantità fuq il-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.................................................................................................................... 15

Figura 8: Sommarju tal-istatus tan-Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP sottomessi fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA. ..................................................................................... 16

Figura 9: Eżempju ipotetiku li juri l-użu ta' Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP (SSNs) minn importaturi li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv.......................................................................... 18

Figura 10: Ħarsa lejn in-numri tal-SCIP u rekords oħra mtellgħin mill-fajl excel u t-taqsima "*Submission of simplified SCIP notifications for one or more Legal Entities*" biex jintgħażlu Entitajiet Legali rilevanti . 20

Figura 11: Ħarsa lejn il-lista ta' sottomissjonijiet mibgħuta minn kull Entità Legali ............................ 22

Figura 12: Ħarsa ġenerali lejn ir-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP għal eżempju ipotetiku (rota A).......... 25

Figura 13: Id-*data* meħtieġa għall-komponent tal-oġġett kumpless meta jintuża r-"referenzjar"........... 27

Figura 14: Ħarsa lejn it-taqsima '*Upload and submit*' tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA ............. 28

# 1. Introduzzjoni

Il-bażi tad-*data* tal-SCIP hija l-bażi tad-*data* għall-informazzjoni dwar **S**ustanzi ta' **T**ħassib **F**l-oġġetti bħala tali jew f'oġġetti kumplessi (**P**rodotti) stabbilita skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD). L-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD jirrikjedi li kwalunkwe fornitur tal-UE ta' oġġetti li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0.1 % piż b'piż (w/w) jissottometti informazzjoni, skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH, dwar dawn l-oġġetti jew dwar oġġetti kumplessi li jinkorporaw tali oġġetti lill-ECHA, mill-5 ta' Jannar 2021. L-informazzjoni meħtieġa tiġi sottomessa lill-ECHA skont il-format tal-SCIP permezz tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.

L-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi inkluża f'dossier ta' notifika tal-SCIP hija spjegata fid-dettall fid-dokument "Rekwiżiti għan-Notifiki tal-SCIP" u fid-dokument "Format ta' Notifika tal-SCIP - Mudell ta' *data* tal-SCIP" disponibbli fuq il-paġna web iddedikata tal-SCIP fuq is-sit web tal-ECHA.

L-obbligu ta' notifika tal-SCIP japplika għal oġġetti li fihom sustanza mil-Lista ta' Kandidati ta' aktar minn 0.1 % w/w u għal oġġetti kumplessi li jinkorporaw tali oġġetti.

Dan id-dokument jiddeskrivi soluzzjonijiet tekniċi li jistgħu jintużaw **fuq bażi volontarja** biex jagħmluha possibbli għall-fornituri ta' oġġetti (eż. distributuri, 'assemblers', kumpaniji fi ħdan l-istess grupp korporattiv) li jirreferu għad-*data* li diġà ġiet sottomessa lill-ECHA mill-istess kumpanija jew minn detenturi oħra tad-dover. Dawn l-għodod jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' notifiki tal-SCIP lill-ECHA, filwaqt li jżommu l-konsistenza fl-informazzjoni li tiġi sottomessa lill-bażi tad-*data* tal-SCIP u jevitaw rappurtar multiplu tal-istess *data* u b'hekk jillimitaw il-piż amministrattiv mhux meħtieġ għad-detenturi tad-dover.

Iż-żewġ għodod li jistgħu jintużaw biex issir referenza għal informazzjoni li diġà ġiet sottomessa b'suċċess lill-bażi tad-*data* tal-SCIP huma:

1. In-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN)
2. Ir-"referenzjar" f'dossier ta' notifika tal-SCIP.

It-Taqsima 2 ta' dan id-dokument tiffoka fuq l-SSN, li ġiet żviluppata primarjament biex tintuża minn distributuri (li mhumiex importaturi u/jew produtturi) jew minn kumpaniji fl-istess grupp korporattiv, filwaqt li t-taqsima 3 tiffoka fuq "ir-referenzjar" f'fajl ta' notifika tal-SCIP, li ġie żviluppat primarjament biex jintuża minn "muntaturi" li jqiegħdu oġġetti kumplessi (prodotti) fis-suq tal-UE. "Muntatur" huwa attur fil-katina tal-provvista li jagħmel oġġetti kumplessi (jiġifieri oġġetti magħmula minn aktar minn oġġett wieħed)[1].

SSN u "referenzjar" huma soluzzjonijiet ssimplifikati biex jiġu sottomessi notifiki tal-SCIP lill-ECHA fuq bażi volontarja, minflok ma jiġi sottomess dossier ta' notifika "*sħiħa*" tal-SCIP li jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa.[2] F'dan id-dokument, it-terminu notifika "*sħiħa*" tal-SCIP jintuża biex jirreferi għal notifika tal-SCIP li jkun fiha dossier tal-IUCLID li jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal oġġett bħala tali jew oġġett kumpless, mingħajr ma ssir referenza għad-*data* li diġà ġiet sottomessa lill-ECHA mill-istess kumpanija jew minn detenturi oħra tad-dover.

In-Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP (SSN) ma jeħtiġux is-sottomissjoni ta' dossier IUCLID.

L-użu ta' "referenzjar" f'dossier ta' notifika tal-SCIP jippermetti l-ħolqien ta' dossier ta' notifika tal-SCIP "*ħafifa*", peress li l-informazzjoni relatata ma' wieħed jew aktar mill-komponenti tal-

---

[1] Ara subkapitolu 2.4 tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti".
[2] Ara l-kapitolu 2 tad-dokument "Rekwiżiti għan-notifiki tal-SCIP".

oġġett kumpless[3] tkun inkluża fid-dossier ta' notifika tal-SCIP għal dak l-oġġett kumpless billi tiġi referenzjata d-*data* li diġà ġiet sottomessa lill-ECHA għal wieħed jew aktar minn dawk il-komponenti.

Wara li jissottomettu b'suċċess notifika tal-SCIP permezz tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA, il-fornituri tal-oġġetti jirċievu identifikatur alfanumeriku – in-numru tal-SCIP – inkluż fir-rapport tas-sottomissjoni. In-numru tal-SCIP huwa identifikatur uniku tan-notifika tal-SCIP magħmula minn sottomittent għal oġġett bħala tali jew oġġett kumpless. Dan jidentifika s-sett ta' informazzjoni sottomessa lill-ECHA minn sottomittent għal oġġett jew oġġett kumpless skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD.

In-numru tal-SCIP jibqa' l-istess fil-każ fejn id-detentur tad-dover jissottometti aġġornament[4] tan-notifika tal-SCIP għal oġġett bħala tali jew oġġett kumpless, jiġifieri meta jiġi sottomess dossier aġġornat ta' notifika tal-SCIP lill-ECHA.

In-numru tal-SCIP [*SCIP number*] huwa inkluż fir-rapport tas-sottomissjoni għal sottomissjoni b'suċċess ta' notifika tal-SCIP kif muri fil-Figura 1.

**Figura 1: Rapport ta' sottomissjoni għal notifika tal-SCIP li jkun fiha dossier**




In-numru tal-SCIP ma jiġix disseminat mill-ECHA, sakemm is-sottomittent ma jinkludix dak in-numru taħt l-identifikaturi tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless li jkun qed jiġi nnotifikat. Kemm l-għodod tal-SSN kif ukoll dawk tar-"referenjzar" jeħtieġu l-komunikazzjoni fuq bażi volontarja tan-numru tal-SCIP ta' notifika għal oġġett jew oġġett kumpless minn sottomittent lil detentur ieħor tad-dover, eż., meta rilevanti, flimkien mal-informazzjoni kkomunikata skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH.

[3] Komponent ta' oġġett kumpless jista' jkun oġġett (bħala tali) jew oġġett kumpless magħmul minn oġġetti. Għal aktar informazzjoni, ara l-kapitolu 2 tad-dokument "Rekwiżiti għan-Notifiki tal-SCIP" u s-subkapitolu 2.4 tal-"Gwida dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti".

[4] Jekk l-informazzjoni tal-SCIP għal oġġett jeħtieġ li tiġi aġġornata, tista' teditja l-informazzjoni inkluża fis-sett tad-*data* tal-oġġett u toħloq dossier ġdid. L-identifikatur tal-oġġett primarju fid-dossier jeħtieġ li jibqa' ežatt l-istess.
Is-sottomissjoni, mill-istess Entità legali, ta' dan id-dossier ġdid eżattament bl-istess identifikatur tal-oġġett primarju ser tiġi riċevuta bħala **aġġornament tan-notifika tal-SCIP** ta' dan l-oġġett jew oġġett kumpless.

Billi jipprovdi n-numru tal-SCIP tan-notifika sottomessa lill-ECHA lir-riċevituri tal-oġġett bħala tali jew oġġett kumpless, pereżempju bħala element tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH, fornitur upstream dirett ikun qed jikkontribwixxi biex jiffaċilita s-sottomissjoni tan-notifika tal-SCIP mill-klijenti tiegħu.

L-SSN u r-"referenzjar" jistgħu jintużaw biss jekk l-oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi riċevuti jkunu l-istess bħall-oġġetti jew l-oġġetti kumplessi li jiġu fornuti 'l isfel fil-katina tal-provvista, jew waħedhom jew inkorporati f'oġġetti kumplessi, u għalhekk l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-*data* tal-SCIP tkun eżattament l-istess. Sabiex ikun l-istess, l-oġġett jew l-oġġett kumpless, li jiġi nnotifikat permezz ta' SSN jew "referenzjar" bħala komponent ta' oġġett kumpless, jeħtieġ li jkollu l-istess kompożizzjoni kimika u forma fiżika (forma, wiċċ u disinn). Barra minn hekk, fil-każ ta' SSN, l-identifikaturi rrappurtati fid-dossier ta' notifika tal-SCIP (jew "*sħiħa*" jew "*ħafifa*") jeħtieġ li jinżammu l-istess u jkunu disponibbli bħala identifikaturi "kummerċjali" għall-atturi downstream kollha.[5]

Meta detentur tad-dover jaġġorna notifika tal-SCIP, billi jissottometti dossier ġdid, li tkun saret referenza għaliha minn detenturi tad-dover oħrajn li jużaw l-SSN u r-"referenzjar", dawn in-notifiki kollha li jirreferu għal dik in-notifika tal-SCIP jiġu aġġornati wkoll. Għalhekk, id-detenturi tad-dover li jużaw l-SSN jew ir-"referenzjar", bħala prinċipju, ma għandhomx bżonn jaġġornaw in-notifika/notifiki tal-SCIP sottomessa/sottomessi tagħhom. Madankollu, f'ċerti sitwazzjonijiet, id-detentur tad-dover li juża l-SSN jew ir-"referenzjar" se jkollu jaġġorna n-notifika tal-SCIP tiegħu. Jekk kellu jkun meħtieġ aġġornament f'sitwazzjonijiet bħal dawn, allura fil-każ ta' SSN, dan ikun jeħtieġ pereżempju s-sottomissjoni ta' notifika ġdida tal-SCIP inkluż dossier ta' notifika tal-SCIP, u fil-każ ta' "referenzjar", dan ikun jeħtieġ pereżempju s-sostituzzjoni tan-numru tal-SCIP għall-komponent tal-oġġett kumpless b'numru ieħor tal-SCIP jew billi tiddaħħal *data* għal dak il-komponent tal-oġġett kumpless fid-dossier ta' notifika tal-SCIP.

Detentur tad-dover huwa dejjem responsabbli mill-eżattezza tal-informazzjoni sottomessa lill-ECHA biex jikkonforma mal-obbligu ta' notifika tal-SCIP. Ir-responsabbiltà għall-kontenut ta' kull notifika biex ikun hemm konformità mal-obbligu ta' notifika tal-SCIP tkompli anki meta jintużaw l-għodod ta' SSN jew "refenenzjar", kif rifless fil-kapitolu 3.2.1 tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti li jiddikjara dan li ġej rigward l-obbligi ta' komunikazzjoni skont l-Artikolu 33 ta' REACH: "L-obbligi ta' komunikazzjoni jirriżultaw mill-preżenza tas-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fl-oġġett. Dawn l-obbligi japplikaw indipendentement minn jekk il-fornitur jafx bil-preżenza tas-sustanzi. Għaldaqstant, hu fl-interessi tal-fornitur li jfittex informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi tal-Lista ta' Kandidati."

**Huwa f'idejn l-atturi individwali fil-katina tal-provvista, jew b'xi mod ieħor, li jidħlu fl-arranġamenti meħtieġa, jekk jitqiesu meħtieġa, biex jużaw dawn l-għodod volontarji (SSN u "referenzjar") biex jissodisfaw l-obbligu ta' notifika tal-SCIP.**

[5] Għal aktar informazzjoni, ara l-kapitolu 3.1 tad-dokument "Rekwiżiti għan-notifiki tal-SCIP".

# 2. Notifika ssimplifikata tal-SCIP

In-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) hija għodda żviluppata mill-ECHA biex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligu ta' notifika tal-SCIP mingħajr ma jitħejja dossier IUCLID. Hija soluzzjoni ssimplifikata li għandha tintuża minn ċerti detenturi tad-dover biex jirreferu, fuq bażi volontarja, għal informazzjoni diġà sottomessa minn sottomittent ieħor lill-ECHA billi jinkludu n-numru/numri rilevanti tal-SCIP fin-notifiki tagħhom tal-SCIP sottomessi lill-ECHA permezz tal-Portal tas-Sottomissjoniiet tal-ECHA.

Ix-xenarju l-aktar komuni għall-użu ta' SSN huwa l-każ ta' distributur li jagħmel referenza għal notifika tal-SCIP li diġà tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa u li kienet sottomessa qabel minn attur upstream fil-katina ta' provvista li għandu l-għarfien primarju tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless.
L-atturi fil-katina ta' provvista bi rwol ta' produttur, importatur jew muntatur ta' oġġett bħala tali jew oġġett kumpless għandu jkollhom l-għarfien primarju tal-informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi inkluża f'dossier ta' notifika tal-SCIP li għandu jiġi sottomess lill-ECHA. Dan huwa pereżempju, il-każ fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- produttur ta' oġġett li jipproduċi oġġett bħala tali li fih sustanza tal-Lista ta' Kandidati jew billi jinkorpora tali sustanza fl-oġġett minn taħlita li fiha dik is-sustanza tal-Lista ta' Kandidati fil-kompożizzjoni tagħha,
- produttur jew muntatur li jinkorpora sustanza mil-Lista ta' Kandidati f'oġġett wieħed jew aktar fi stadju ta' pproċessar ulterjuri, inkluża s-sitwazzjoni tal-użu ta' taħlita li jkun fiha dik is-sustanza,
- jew muntatur li jinkorpora komponenti u subkomponenti ma' oġġetti bħala tali li jkun fihom sustanza tal-Lista ta' Kandidati.

Huwa wkoll il-każ għall-importaturi, peress li huma l-ewwel attur fil-katina ta' provvista li għandhom l-obbligu li jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jikkonformaw mad-doveri tagħhom, jiġifieri l-informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi kkomunikata 'l isfel fil-katina ta' provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH u li għandha tiġi sottomessa lill-ECHA f'dossier ta' notifika tal-SCIP skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD.

Detentur tad-dover li jissottometti notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) jibqa' responsabbli mill-informazzjoni msemmija fl-SSN sottomessa.

Prekundizzjoni għall-użu ta' SSN hija li wieħed ikun irċieva n-numru tal-SCIP tal-oġġett bħala tali jew in-notifika tal-SCIP ta' oġġett kumpless li tkun diġà ġiet sottomessa lill-ECHA.
L-SSN tista' tintuża biss jekk l-oġġett (eż. riċevut) bħala tali jew l-oġġett kumpless soġġett għan-notifika tal-SCIP <u>ikun l-istess</u>, u għalhekk l-informazzjoni kollha meħtieġa[2] tkun diġà ġiet sottomessa minn sottomittent(i) ieħor(oħrajn) lill-ECHA, bħala l-oġġett jew l-oġġett kumpless (eż. dak fornut) innotifikat(i) fl-SSN:

- Oġġett bħala tali soġġett għan-notifika tal-SCIP (eż. riċevut) <u>huwa l-istess</u> bħall-oġġett (eż. fornut) innotifikat fl-SSN jekk ma jkun hemm <u>l-ebda bidla</u> fil-forma fiżika (forma, wiċċ u disinn) u fil-kompożizzjoni kimika tiegħu.
- L-oġġett kumpless soġġett għan-notifika tal-SCIP (eż. riċevut) <u>huwa l-istess</u> bħall-oġġett kumpless (eż. fornut) innotifikat fl-SSN jekk:
    - l-oġġetti bħala tali inkorporati fih ma jkollhom <u>l-ebda bidla</u> fil-forma fiżika u fil-kompożizzjoni kimika tagħhom;
    - u l-komponenti u s-subkomponenti tiegħu (oġġetti kumplessi), li jinkorporaw dawk l-oġġetti bħala tali, jinżammu l-istess.

Minbarra dawn il-kriterji, l-elementi ta' identifikazzjoni (identifikaturi),[6] jiġifieri l-ismijiet, l-identifikaturi alfanumeriċi, u l-kategorija tal-oġġett, tal-oġġett bħala tali jew tal-oġġett kumpless (prodott) fornut għandhom ikunu l-istess.

Jekk dawk il-kriterji jiġu ssodisfati, il-fornitur tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless jista' jissottometti SSN, billi jirreferi għad-*data* sottomessa b'suċċess lill-ECHA minn detentur tad-dover ieħor (eż. fornitur upstream) permezz tas-sottomissjoni fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA tan-numru tal-SCIP riċevut[7].

L-utenti ewlenin fil-mira tan-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) huma **distributuri**. Madankollu, detenturi oħra tad-dover li jfornu oġġetti jew oġġetti kumplessi li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq jistgħu wkoll jużaw din l-għodda.

In-notifiki ssimplifikati tal-SCIP (SSNs) sottomessi għal oġġett speċifiku jew oġġett kumpless ma għandhomx impatt fuq l-informazzjoni disseminata mill-ECHA għal dak l-oġġett jew oġġett kumpless peress li l-ECHA mhux se tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar is-sottomittenti (Entitajiet Legali (LEs)) li jissottomettu kull notifika.

---

[6] Ara t-Tabella 2 taħt il-kapitolu 2.1.1 u s-subkapitoli 2.1.1.1 sa 2.1.1.5 tad-dokument "Rekwiżiti għan-notifiki tal-SCIP".

[7] Huwa f'idejn l-atturi individwali fil-katina ta' provvista, jew b'xi mod ieħor, li jidħlu fl-arranġamenti meħtieġa, jekk jitqiesu meħtieġa, biex jużaw dawn l-għodod volontarji biex jissodisfaw l-obbligu ta' notifika tal-SCIP.

## 2.1 Kif taħdem in-notifika ssimplifikata tal-SCIP?

Sabiex jinftiehem aħjar kif tista' taħdem fil-prattika n-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN), il-passi sekwenzjali huma elenkati u spjegati fid-dettall hawn taħt bl-appoġġ ta' eżempju ipotetiku (rota fornuta-riċevuta-fornuta… fl-istess katina ta' provvista) kif muri fil-Figura 2.

**Figura 2: Ħarsa ġenerali lejn in-notifika ssimplifikata tal-SCIP għall-eżempju ipotetiku ta' rota (Rota A).**




1. Kumpanija 1 (eż. "muntatur" jew importatur ta' Rota A) iqiegħed Rota A fis-suq tal-UE, li tinkorpora mill-inqas oġġett wieħed fih innifsu li fih sustanza mil-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0.1 % w/w.

Kumpanija 1 tissottometti dossier ta' notifika tal-SCIP għar-Rota A fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.[8]

B'riżultat ta' sottomissjoni b'suċċess, Kumpanija 1 tirċievi mingħand l-ECHA, fir-rapport ta' sottomissjoni (ara Figura 1), in-numru 1 tal-SCIP għan-notifika ta' "Rota A". Ir-rapport tas-sottomissjoni jinkludi, fost l-oħrajn:

- l-istatus tan-notifika [*Submission status*];
- in-numru attribwit tan-notifika tal-SCIP (għal Rota A) [*SCIP number*];
- in-numru tas-sottomissjoni [*Submission number*];
- l-isem [*Article name*], it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju ta' Rota A;
- it-tip ta' notifika: inizjali jew aġġornament [*Notification type*: *Initial/Update*];
- u l-avvenimenti tas-sottomissjoni [*Submission events*].

Jekk Kumpanija 1 tissottometti dossier aġġornat tal-SCIP għal "Rota A" lill-ECHA, in-numru 1 tal-SCIP għan-notifika aġġornata tal-SCIP jibqa' l-istess fir-rapport tas-sottomissjoni. Madankollu, jiġi attribwit numru ta' sottomissjoni ieħor għal dak l-aġġornament u t-tip ta' notifika jidher bħala '*Update*'.

Informazzjoni addizzjonali dwar kif toħloq dossier u kif taġġorna notifika hija disponibbli fuq id-dokumenti "Notifiki tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP - Kif tħejji u tissottometti notifika tal-SCIP" u "Rekwiżiti għan-Notifiki tal-SCIP" disponibbli fuq il-paġna web ta' appoġġ iddedikata tal-SCIP fuq is-sit web tal-ECHA.

2. Kumpanija 1 (eż. "muntatur" jew importatur ta' Rota A) tipprovdi n-numru 1 tal-SCIP, riċevut fir-rapport ta' notifika tal-SCIP, lill-klijenti, lill-Kumpanija 2 u lill-Kumpanija 3, ir-riċevituri li jmiss ta' Rota A fil-katina ta' provvista. In-numru 1 tal-SCIP imbagħad jiġi kkomunikat fuq bażi volontarja minn Kumpanija 1 lil dawn il-kumpaniji, eż. flimkien mal-informazzjoni kkomunikata tul il-katina ta' provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH. Dan issa jagħmilha possibbli għal Kumpanija 2 u Kumpanija 3, li huma distributuri, li jissottomettu SSN, fil-każ fejn jipprovdu l-istess Rota A aktar 'l isfel fil-katina ta' provvista.

3. Kumpanija 2 u Kumpanija 3, li huma distributuri, jeħtieġ li jissottomettu notifika tal-SCIP għal Rota A lill-ECHA. Peress li rċevew in-numru 1 tal-SCIP minn Kumpanija 1, li jikkorrispondi għan-notifika tagħha lill-ECHA b'dossier ta' notifika tal-SCIP bl-informazzjoni meħtieġa għal Rota A, u qed ifornu aktar 'l isfel fil-katina ta' provvista l-istess rota li rċevew, huma jistgħu jissottomettu SSN. Għalhekk, Kumpanija 2 u Kumpanija 3 jissottomettu notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) billi jissottomettu n-numru 1 tal-SCIP riċevut mill-fornitur (Kumpanija 1) fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA. Kumpaniji 2 u 3 m'għandhomx bżonn iħejju u jissottomettu dossier tal-IUCLID bl-informazzjoni għal Rota A, minħabba li dik l-informazzjoni diġà ġiet sottomessa lill-ECHA minn Kumpanija 1.

   Bis-sottomissjoni ta' SSN lill-ECHA, Kumpanija 2 u Kumpanija 3 qed jirreferu għad-*data* inkluża fin-notifika tal-SCIP sottomessa b'suċċess lill-ECHA minn Kumpanija 1, il-fornitur upstream tagħhom. Dawn il-kumpaniji għadhom responsabbli mill-kontenut tan-notifika, jiġifieri mill-informazzjoni sottomessa lill-ECHA u billi jikkonformaw mal-obbligu ta' notifika tal-SCIP.

[8] Ara d-dokumenti: "Notifiki għall-Bażi tad-*Data* tal-SCIP - Kif tħejji u tissottometti Notifika tal-SCIP" (disponibbli fuq https://echa.europa.eu/scip-support) u '*SCIP Notification Format - Preparing a SCIP dossier*" (disponibbli fuq https://echa.europa.eu/scip-format).

Figura 3 turi kif issir sottomissjoni individwali ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) fil-Portal ta' Sottomissjonijiet tal-ECHA: (1) mur fit-taqsima ddedikata identifikata bħala '*Simplified SCIP notification*' (Notifika Ssimplifikata tal-SCIP) billi tikklikkja fuq "*Submit a simplified SCIP notification*" (Issottometti notifika ssimplifikata tal-SCIP); (2) fit-tieqa l-ġdida, daħħal in-numru tal-SCIP (format UUID) ikkomunikat mill-fornitur upstream fil-kamp ta' '*SCIP number*' taħt it-taqsima '*Submission of a simplified SCIP notification for an individual SCIP number*' (sottomissjoni ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP għal numru individwali tal-SCIP) u kklikkja l-buttuna '*Submit*' (issottometti).

**Figura 3: Kif jidhru l-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA (A) u t-taqsima tan-"Notifika Ssimplifikata tal-SCIP" (notifika ssimplifikata tal-SCIP) (B), kif ukoll is-sottomissjoni ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP għal numru individwali tal-SCIP (B)**

**(A)**




**(B)**




4. Wara s-sottomissjoni ta' Notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) b'suċċess, il-Kumpanija 2 u l-Kumpanija 3 jirċievu n-numri tal-SCIP tagħhom stess fir-rapporti ta' sottomissjoni tagħhom (ara Figura 4), in-numru 2 tal-SCIP u n-numru 3 tal-SCIP rispettivament. Mhi

qed tiġi sottomessa l-ebda *data* għal Rota A minn dawn il-kumpaniji fl-SSNs tagħhom, huma qegħdin biss jirreferu għad-*data* inkluża fin-notifika tal-SCIP sottomessa b'suċċess lill-ECHA minn Kumpanija 1.

Ir-rapport ta' sottomissjoni ta' SSN jinkludi, fost l-oħrajn:

- l-istatus tan-notifika [*Submission status*];
- in-numru tal-SCIP attribwit tan-notifika sottomessa permezz ta' SSN [*SCIP number*];
- in-numru tal-SCIP użat biex jiġi sottomess l-SSN - In-numru tal-SCIP irreferenzjat [*Referenced SCIP number*]
- L-isem [*Article name*], it-tip ta' identifikatur primarju tal-oġġett u l-valur tal-oġġett li n-notifikatur irrefera għalih.

Is-sottomittenti tal-SSN, il-kumpaniji 2 u 3 huma rrakkomandat jikkonfermaw l-identifikaturi, inkluż it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju, inklużi fir-rapport tas-sottomissjoni biex issir kontroverifika li din l-informazzjoni hija l-istess bħall-informazzjoni pprovduta mill-fornitur upstream tagħhom, il-kumpanija 1 skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH.

Is-sottomittenti potenzjali tal-SSN għandhom il-possibbiltà li jikkonsultaw l-informazzjoni sottomessa permezz tan-numru tal-SCIP riċevut u li qed jirreferu għaliha fl-SSN tagħhom fil-bażi tad-*data* tal-SCIP disponibbli fuq https://echa.europa.eu/scip-database.

**Figura 4: Rapport ta' sottomissjoni għal Notifika Ssimplifikata tal-SCIP (SSN) b'suċċess**




5. Kumpanija 2 u Kumpanija 3 jistgħu jipprovdu rispettivament in-numru 2 tal-SCIP u n-numru 3 tal-SCIP, riċevuti fir-rapporti tagħhom ta' notifika tal-SCIP dwar l-SSNs tagħhom għal Rota A, lill-klijenti tagħhom, jiġifieri r-riċevituri li jmiss ta' Rota A fil-katina tal-provvista, kif muri f'Figura 2 għall-Kumpanija 3. In-numru 2 jew 3 tal-SCIP jiġi kkomunikat rispettivament fuq bażi volontarja minn Kumpanija 2 jew minn Kumpanija 3 lill-klijenti tagħhom eż. flimkien mal-informazzjoni kkomunikata 'l isfel fil-katina tal-provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH lil dawk il-klijenti biex jagħmlu użu mill-SSN, f'każ li huma jfornu l-istess Rota A aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista (eż. jekk ikunu distributuri).

L-ECHA tiskoraġġixxi bil-qawwa l-komunikazzjoni jew l-iżvelar involontarjament ta' numri tal-SCIP għajr dawk ipprovduti lid-detenturi tad-dover fir-rapporti ta' sottomissjoni tagħhom stess tan-notifiki tal-SCIP jew Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP tagħhom.

6. Il-klijenti ta' Kumpanija 2 u Kumpanija 3 li pereżempju huma distributuri jipprovdu rispettivament in-numri tal-SCIP li rċevew fir-rapporti ta' notifika tal-SCIP tagħhom dwar l-SSNs tagħhom għal Rota A, lill-klijenti tagħhom, jiġifieri r-riċevituri li jmiss ta' Rota A fil-katina tal-provvista, biex ikun possibbli għalihom li jużaw l-SSN, eċċ.

⚠ Fl-eżempju muri fil-Figura 2, jekk Kumpanija 1 taġġorna n-notifika tagħha għal Rota A, il-Kumpaniji 2 u 3 u d-detenturi tad-dover l-oħra kollha 'l isfel fil-katina tal-provvista li ssottomettew Notifika Ssimplifikata tal-SCIP m'għandhomx għalfejn jerġgħu jissottomettu jew jaġġornaw in-notifiki tagħhom, sakemm l-aġġornament ikun rilevanti għalihom. Madankollu, Kumpanija 1 għandha tikkomunika l-bidliet fid-dossier aġġornat ippreżentat lill-ECHA pereżempju bħala parti mill-informazzjoni kkomunikata skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH lill-Kumpaniji 2 u 3. Dawn il-kumpaniji għandhom jgħaddu din l-informazzjoni lill-atturi li jmiss fil-katina tal-provvista, eċċ.

## 2.2 Sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP bl-ingrossa

Fornitur ta' oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi spiss jista' jqiegħed fis-suq tal-UE diversi oġġetti jew oġġetti kumplessi soġġetti għall-obbligu ta' notifika tal-SCIP. Meta fornitur ikun issottometta bosta notifiki tal-SCIP li jikkorrispondu għal dawk l-oġġetti jew oġġetti kumplessi, dan l-attur jista' jesporta informazzjoni rilevanti dwar is-sottomissjoni għal notifika waħda jew aktar tal-SCIP fuq fajl Excel fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA, kif muri fil-Figura 5.

**Figura 5: '*Export to Excel*' Il-funzjonalità (Esporta f'Excel) fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA tippermetti l-esportazzjoni tan-numri tal-SCIP ta' sottomissjoni waħda jew aktar, kif ukoll informazzjoni oħra dwar is-sottomissjoni**




L-informazzjoni dwar is-sottomissjoni esportata lejn il-fajl Excel mill-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA tinkludi pereżempju n-numru tal-SCIP, l-isem tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju, in-numru tas-sottomissjoni, id-data tas-sottomissjoni u t-tip ta' sottomissjoni.

Fornitur ta' oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi (eż. produttur, importatur, muntatur, distributur) jista' jipprovdi, fuq bażi volontarja, in-numri tal-SCIP ta' dawk l-oġġetti jew oġġetti kumplessi lill-klijenti, lir-riċevituri tal-oġġetti jew oġġetti kumplessi, eż. bħala parti jew flimkien mal-informazzjoni kkomunikata 'l isfel fil-katina tal-provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH. In-numri tal-SCIP u informazzjoni oħra rilevanti għas-sottomissjoni assoċjata ma' kull wieħed minn dawk in-numri, bħall-isem tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju, inklużi fil-fajl tal-excel iġġenerat bl-użu tal-funzjonalità "Esporta f'Excel" jistgħu jiġu pprovduti fi kwantità lill-klijenti.

Atturi fil-katina tal-provvista li jirċievu diversi numri tal-SCIP għal oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi li ġew fornuti lilhom, u li jistgħu jissottomettu notifiki ssimplifikati tal-SCIP (SSN) (ara taqsima 2.1), pereżempju d-distributuri, jistgħu jtellgħu fajl excel li jinkludi ħafna numri tal-SCIP f'daqqa u jissottomettu l-SSNs fi kwantità.

Fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA, taħt it-taqsima '*Simplified SCIP notification*' - Notifika Ssimplifikata tal-SCIP, kumpanija (eż. distributur) li tissottometti notifiki ssimplifikati tal-SCIP għal diversi oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi għandha żewġ modi possibbli kif tissottometti n-notifiki ssimplifikati tal-SCIP:

1. tissottometti notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità billi ttella' fajl excel taħt it-taqsima '*Upload and submission of simplified SCIP notifications in bulk*' (Tella' u sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità) (ara Figura 6) u tikklikkja l-buttuna '*Submit*' (issottometti) fit-tieqa l-ġdida (ara Figura 7 (1))
2. tissottometti notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) individwali għal kull oġġett jew oġġett kumpless wieħed wieħed, billi ddaħħal numru wieħed tal-SCIP fil-kaxxa ('*SCIP number*') rispettiva taħt it-taqsima '*Submission of a simplified SCIP notification for an individual SCIP number*' u tikklikkja l-buttuna '*Submit*' (ara Figura 3).

**Figura 6: Ħarsa lejn it-taqsima '*Simplified SCIP notification*' fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA u s-sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità**




Il-fajl excel li għandu jittella' biex jiġu sottomessi notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità jkun fih tal-anqas f'kull ringiela n-numri tal-SCIP riċevuti tal-oġġetti jew l-oġġetti kumplessi nnotifikati li qed issir referenza għalihom. Huwa possibbli wkoll li f'kull ringiela jiġu inklużi l-isem tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, it-tip ta' identifikatur tal-oġġett primarju u l-valur tal-identifikatur tal-

oġġett primarju, iżda l-inklużjoni ta' din l-informazzjoni hija fakultattiva. Dik id-*data* fakultattiva hija għar-rekord tas-sottomittent nniffsu (eż. fil-portal tas-sottomissjonijiet tal-ECHA), iżda ma tintużax mill-SCIP. SCIP tqis biss in-numru tal-SCIP u l-informazzjoni rispettiva li qed tirreferi għaliha assoċjata ma' dak in-numru. Wara li l-fajl jittella', kif muri fil-Figura 7 (numru 1), il-kontenut tal-fajl excel imtella' jintwera fit-tieqa tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA. Jekk l-informazzjoni murija tkun korretta, l-utent jista' jikklikkja fuq il-buttuna '*Submit*' biex jissottometti n-notifiki ssimplifikati tal-SCIP tiegħu. Wara li jiġu sottomessi Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP (SSNs) fi kwantità, tintwera lista ta' numri ta' sottomissjoni fit-tieqa tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA kif muri fl-istess Figura (numru 2).

Sabiex ikun jaf jekk is-sottomissjonijiet fi kwantità kinux sottomessi b'suċċess u sabiex isib in-numri tal-SCIP attribwiti lin-notifiki ssimplifikati tal-SCIP sottomessi b'suċċess, is-sottomittent għandu jmur fir-rapport ta' sottomissjoni ta' kull SSN jew għat-taqsima '*Search*' (Tfittxija) (paġna ewlenija) tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA kif muri fil-Figura 8. Minn dik it-taqsima, is-sottomittent jista' wkoll jaċċessa r-rapport tas-sottomissjoni (ara Figura 4) dwar kull SSN sottomessa, jiġifieri għal kull oġġett jew oġġett kumpless innotifikat lill-ECHA.

Huwa rrakkomandat li s-sottomittenti tal-SSN jikkonfermaw l-identifikaturi, inkluż it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju, inklużi fir-rapport tas-sottomissjoni billi jagħmlu kontroverifika li din l-informazzjoni hija l-istess bħall-informazzjoni pprovduta mill-fornitur upstream tagħhom, il-Kumpanija 1 skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH.

**Figura 7: Is-sottomissjoni ta' notifika ssimplifikata tal-SCIP fi kwantità fuq il-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA**

**(1)**



**(2)**




**Figura 8: Sommarju tal-istatus tan-Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP sottomessi fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.**

**(Il-kwadru l-aħmar jenfasizza sottomissjoni ta' SSN li ma rnexxietx immarkata bħala ☒).**



## 2.3 L-użu ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP minn kumpaniji fi ktajjen ta' provvista differenti

In-Notifika Ssimplifikata tal-SCIP (SSN) tista' tintuża wkoll minn detenturi tad-dover fil-quċċata ta' ktajjen ta' provvista differenti li jirċievu u jfornu oġġett jew oġġett kumpless filwaqt li ma jwettqu l-ebda bidla fih, eż. kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv li jqiegħdu fis-suq l-istess oġġett jew oġġett kumpless f'kull pajjiż rispettiv tal-UE. F'dan il-każ, il-prinċipju li jassumi li fil-quċċata ta' kull katina tal-provvista tal-UE hemm detentur tad-dover bi rwol ta' produttur jew importatur tal-istess oġġett jew oġġett kumpless li huwa responsabbli mill-ġbir tal-informazzjoni kollha dwar is-sustanzi inkorporati f'dak l-oġġett jew oġġett kumpless ma jipprevjenix l-użu ta' SSN mid-detenturi tad-dover fil-quċċata ta' ktajjen ta' provvista differenti li jimportaw jew jipproduċu l-istess oġġett jew oġġett kumpless, pereżempju importaturi li huma kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv. Madankollu, dawk id-detenturi tad-dover fil-quċċata ta' ktajjen ta' provvista differenti jeħtieġ li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa, jekk ikun meħtieġ, fejn wieħed minnhom jissottometti notifika tal-SCIP li jkun fiha dossier bl-informazzjoni meħtieġa għall-oġġett jew oġġett kumpless, u d-detenturi l-oħra tad-dover jużaw l-SSN biex jirreferu għall-informazzjoni sottomessa mid-detentur tad-dover li jissottometti d-dossier lill-ECHA.

Kun af li kull detentur tad-dover jibqa' responsabbli min-notifika tal-SCIP li jkun fiha d-dossier u l-kontenut tiegħu. Fl-aħħar nett, huwa f'idejn id-detenturi individwali tad-dover, jew b'mod ieħor, li jidħlu fl-arranġamenti meħtieġa, jekk jitqiesu meħtieġa, biex jużaw tali għodod biex jissodisfaw id-dmirijiet ta' notifika tal-SCIP.

Sabiex jinftiehem aħjar kif tista' taħdem fil-prattika n-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN), il-Figura 9 turi ħarsa ġenerali ta' eżempju ipotetiku għall-każ speċifiku ta' importaturi li huma kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv.

**Figura 9: Eżempju ipotetiku li juri l-użu ta' Notifiki Ssimplifikati tal-SCIP (SSNs) minn importaturi li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv.**




1. Kumpanija 1, Kumpanija 2 u Kumpanija 3 li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv, huma importaturi u jqiegħdu fis-suq tal-UE l-istess Rota A fornuta minn fornitur mhux tal-UE, u jidħlu fl-arranġamenti meħtieġa jekk meħtieġ, fejn wieħed minnhom jissottometti notifika tal-SCIP li jkun fiha dossier bl-informazzjoni meħtieġa, u l-kumpaniji l-oħra jużaw l-SSN biex jirreferu għall-informazzjoni sottomessa f'dak id-dossier lill-ECHA.

2. Il-Kumpanija 1 tissottometti dossier ta' notifika tal-SCIP għar-Rota A fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.[8] B'riżultat ta' sottomissjoni b'suċċess, il-Kumpanija 1 tirċievi mingħand l-ECHA, fir-rapport tas-sottomissjoni inizjali (ara l-Figura 1), in-numru 1 tal-SCIP għan-notifika tar-"Rota A".

3. Kumpanija 1 tipprovdi n-numru 1 tal-SCIP, riċevut fir-rapport tas-sottomissjoni inizjali tal-SCIP, lill-Kumpanija 2 u lill-Kumpanija 3, kif deskritt fil-punti ta' hawn fuq.

4. Kumpanija 2 u Kumpanija 3 jissottomettu notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) għar-Rota A lill-ECHA bl-użu tan-numru 1 tal-SCIP (ara l-Figura 3) riċevut minn Kumpanija 1.

5. Wara li jissottomettu SSN b'suċċess, Kumpanija 2 u Kumpanija 3 jirċievu n-numri tal-SCIP tagħhom stess fir-rapporti ta' sottomissjoni tagħhom (ara Figura 4), in-numru 2 tal-

SCIP u n-numru 3 tal-SCIP, rispettivament (Figura 9). Mhu qed tiġi sottomessa l-ebda *data* għar-Rota A minn dawn il-kumpaniji fl-SSNs tagħhom, huma qegħdin biss jirreferu għad-*data* inkluża fin-notifika tal-SCIP li ġiet sottomessa b'suċċess lill-ECHA minn Kumpanija 1.

6. Kumpanija 2 u Kumpanija 3 jistgħu jipprovdu rispettivament in-numru 2 tal-SCIP u n-numru 3 tal-SCIP riċevuti fir-rapporti tagħhom ta' notifika tal-SCIP dwar l-SSNs tagħhom għar-Rota A, lill-klijenti tagħhom, jiġifieri r-riċevituri li jmiss tar-Rota A fil-katina ta' provvista eż. flimkien mal-informazzjoni kkomunikata 'l isfel fil-katina ta' provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH lil dawk il-klijenti biex jagħmlu użu mill-SSN, f'każ li jfornu l-istess Rota A, aktar l-isfel fil-katina ta' provvista (eż. jekk ikunu distributuri).

## 2.4 Notifika/Notifiki Ssimplifikata/Ssimplifikati tal-SCIP għal Entità Legali waħda jew aktar

Il-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA jinkludi karatteristika dwar it-taqsima '*Simplified SCIP Notification*' (Notifika Ssimplifikata tal-SCIP) li tippermetti lil '*foreign user*' (utent barrani)[9] iwettaq is-sottomissjoni ta' notifika/notifiki ssimplifikata/ssimplifikati tal-SCIP għal detentur tad-dover wieħed jew aktar (entitajiet legali[10]) f'sottomissjoni waħda.

Din il-karatteristika tista' tkun utli meta n-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) tintuża minn kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp korporattiv li jqiegħdu fis-suq tal-UE l-istess oġġett jew oġġett kumpless kif deskritt fit-taqsima 2.3 ta' dan id-dokument. Kumpanija waħda fi ħdan grupp korporattiv tista' tissottometti *data* f'isem kumpaniji oħra tal-grupp.

L-użu ta' din il-karatteristika jinvolvi l-prekundizzjonijiet li ġejjin:

1. Tiġi stabbilita link ta' utent barrani bl-użu tal-Kontijiet tal-ECHA bejn kont(ijiet) ta' detentur tad-dover wieħed jew aktar u l-kumpanija responsabbli mis-sottomissjoni tan-notifika tal-SCIP f'isem id-detentur(i) tad-dover.
2. Għandu jkun hemm numru tal-SCIP, jiġifieri, notifiki tal-SCIP (fil-prinċipju b'dossier tal-SCIP) ġew sottomessi b'suċċess lill-bażi tad-*data* tal-SCIP minn kumpanija fi ħdan il-grupp korporattiv.

Il-funzjonalità tal-utenti barranin fil-Kontijiet tal-ECHA tippermetti lil parti terza toħloq u/jew tuża kont tal-ECHA biex tissottometti *data* lill-bażi tad-*data* tal-SCIP f'isem detentur tad-dover. Din il-funzjonalità hija bbażata fuq arranġamenti fi ħdan il-partijiet. Informazzjoni addizzjonali relatata mal-funzjonalità tal-utent barrani hija disponibbli fil-Mistoqsija u t-Tweġiba 1665, il-Mistoqsija u t-Tweġiba 960 u '*ECHA Accounts manual*' (Manwal tal-Kontijiet tal-ECHA).

Sabiex ikun jista' juża din il-karatteristika biex jissottometti Notifika/Notifiki Ssimplifikata/Ssimplifikati tal-SCIP għal Entità Legali waħda jew aktar (detenturi tad-dover), l-utent barrani jeħtieġ li jistabbilixxi d-drittijiet meħtieġa għall-Entitajiet Legali interessati.

---

[9] Ara l-kapitolu tad-definizzjonijiet 6.12 tal-'*ECHA Accounts Manual for Industry Users*' ("Manwal tal-Kontijiet tal-ECHA għall-Utenti tal-Industrija") disponibbli taħt '*Related*' fuq https://echa.europa.eu/support-echa-accounts-and-eu-login.

[10] F'dan il-kuntest, detentur tad-dover huwa entità legali li għandha d-dover li tissottometti notifika tal-SCIP. Madankollu, il-kunċett ġenerali tal-entità legali ('*legal entity*') huwa usa' kif spjegat fid-definizzjoni taħt il-kapitolu 2.1 tal-"*ECHA Accounts Manual for Industry Users*'. Din tkopri entitajiet oħra li mhumiex detenturi tad-dover meħtieġa jissottomettu notifika tal-SCIP (eż. parti terza).

Il-passi sekwenzjali li jeħtieġ li jiġu segwiti huma:

1. Stabbilixxi d-drittijiet ta' utenti barrani għall-entitajiet legali interessati

2. Iġbor in-numri tal-SCIP meħtieġa biex tissottometti l-SSNs f'isem l-entitajiet legali interessati

3. Aċċessa l-portal tas-sottomissjonijiet tal-ECHA u agħżel '*Submit a simplified SCIP notification*' (ara Figura 3).

4. Jekk inti interessat/a li tissottometti notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità, tella' fajl excel b'żewġ numri tal-SCIP jew aktar taħt '*Upload and submission of simplified SCIP notifications in bulk*' it-taqsima jew jekk inti interessat/a li tissottometti notifika ssimplifikata tal-SCIP individwali għal oġġett jew oġġett kumpless, daħħal numru tal-SCIP wieħed fil-kamp rispettiv ('*SCIP number*') taħt it-taqsima '*Submission of a simplified SCIP notification for an individual SCIP number*' .

   Nota: Il-punti li jmiss ikopru biss l-ispjegazzjoni tal-proċess biex jiġu sottomessi notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità peress li l-passi sussegwenti għaż-żewġ proċessi huma simili ħafna.

5. Il-fajl excel li għandu jittella' jeħtieġ li jinkludi fl-ewwel kolonna l-lista tan-numri tal-SCIP tal-oġġetti u tal-oġġetti kumplessi li għandhom jiġu nnotifikati.

6. Is-sistema se turi n-numri tal-SCIP u r-rekords l-oħra mtellgħin (Figura 10) mill-fajl excel. Il-Figura 10 turi wkoll il-qasam biex tagħżel Entità Legali waħda jew aktar li inti interessat/a li tissottometti notifiki ssimplifikati tal-SCIP għalihom, jiġifieri dawk li qed tissottometti f'isimhom bħala utent barrani, għan-numri tal-SCIP murija. Jekk jogħġbok agħżel Entità Legali waħda jew aktar mil-lista tiegħek ta' Entitajiet Legali taħt it-taqsima '*Submission of simplified SCIP notifications for one or more Legal Entities*' (Sottomissjoni ta' notifiki ssimplifikati tal-SCIP għal Entità Legali waħda jew aktar) biex tissottometti notifiki ssimplifikati tal-SCIP fi kwantità, għan-numri tal-SCIP murija.

**Figura 10: Ħarsa lejn in-numri tal-SCIP u rekords oħra mtellgħin mill-fajl excel u t-taqsima "*Submission of simplified SCIP notifications for one or more Legal Entities*" biex jintgħażlu Entitajiet Legali rilevanti**




7. Wara li tissottometti l-SSNs għall-Entitajiet Legali magħżula billi tikklikkja fuq il-buttuna'*Submit*' , tintwera lista ta' sottomissjonijiet mibgħuta minn kull entità legali magħżula, fejn tista' taċċessa r-rapporti ta' sottomissjoni rispettivi, billi tikklikkja fuq kull numru ta' sottomissjoni kif muri f'Figura 11.

**Figura 11: Ħarsa lejn il-lista ta' sottomissjonijiet mibgħuta minn kull Entità Legali**




8. Ivverifika l-istatus tas-sottomissjonijiet tiegħek, fir-rapporti ta' sottomissjoni, biex tiżgura li jkunu ġew assenjati numri ġodda tal-SCIP lis-sottomissjonijiet tiegħek.

# 3. "Referenzjar" f'Notifika tal-SCIP

L-ECHA żviluppat ukoll għodda biex tagħmilha possibbli għal ċerti fornituri ta' oġġetti kumplessi, jiġifieri oġġetti magħmula minn aktar minn oġġett wieħed, li jirreferu, għal komponent wieħed jew aktar fl-oġġett kumpless, għad-*data* diġà sottomessa lill-ECHA. Dan jissejjaħ "referenzjar" f'notifika tal-SCIP.

Ir-"referenzjar" għandu l-għan li jiffaċilita l-ġestjoni tad-*data* dwar il-komponenti (jew oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi) ta' oġġett kumpless bil-ħolqien ta' dossier IUCLID biex tiġi sottomessa notifika tal-SCIP għall-oġġetti kumplessi. Pereżempju, rota hija oġġett kumpless b'diversi komponenti bħal rota (oġġett kumpless) u l-mankijiet tal-manubriju (oġġetti bħala tali). L-utenti ewlenin fil-mira tar-"referenzjar" huma dawk il-muntaturi jew produtturi ta' oġġetti kumplessi li jagħmlu oġġetti kumplessi u jpoġġuhom fis-suq tal-UE.

L-użu ta' "referenzjar" f'notifika tal-SCIP jagħmilha possibbli li detentur tad-dover, b'mod partikolari muntatur, fuq bażi volontarja, jirreferi għal informazzjoni dwar il-komponenti ta' oġġett kumpless (jew oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi) diġà sottomessa lill-ECHA minn fornitur upstream tal-muntaturjew mid-detentur tad-dover innifsu, fin-notifika tal-SCIP tal-oġġett kumpless immuntat tiegħu.

Muntatur li juża r-"referenzjar" jista' joħloq dossier ta' notifika tal-SCIP "*ħafif*" ta' oġġett kumpless, fejn l-informazzjoni dwar il-komponent tal-oġġett kumpless tista' tiġi inkorporata fid-dossier billi jiddaħħal biss in-numru tal-SCIP li jirreferi għad-*data* li diġà ġiet sottomessa lill-ECHA għal dak il-komponent tal-oġġett kumpless.

> Informazzjoni addizzjonali dwar kif toħloq dossier u kif taġġorna notifika hija disponibbli fid-dokument "Notifiki tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP - Kif tħejji u tissottometti notifika tal-SCIP" u "Rekwiżiti għan-Notifiki tal-SCIP" disponibbli fuq il-paġna web ta' appoġġ ddedikata tal-SCIP fuq is-sit web tal-ECHA.

Id-detentur tad-dover (eż. muntatur) għadu responsabbli mill-informazzjoni sottomessa lill-ECHA f'notifika tal-SCIP u l-konformità mal-obbligu ta' notifika tal-SCIP, jiġifieri għall-informazzjoni li ssir referenza għaliha bl-użu ta' "referenzjar".

Prekundizzjoni għall-użu tar-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP għal oġġett kumpless immuntat hija li wieħed jirċievi n-numru tal-SCIP tan-notifika tal-SCIP tal-komponent tal-oġġett kumpless diġà sottomessa lill-ECHA. Pereżempju, fil-każ ta' muntatur, in-numru tal-SCIP jista' jiġi pprovdut mill-fornitur upstream bħala element tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH[7].

Ir-"referenzjar" huwa applikabbli biss jekk il-komponent (oġġett bħala tali jew oġġett kumpless) li għalih qed isir ir-referenzjar ikun l-istess bħall-komponent li għalih qed jintuża r-referenzjar.[5] Dan mhuwiex il-każ, pereżempju, fejn il-komponent li għalih jintuża r-referenzjar ikun għadda minn kwalunkwe bidla fil-forma fiżika jew fil-kompożizzjoni kimika meta jkun inkorporat fl-oġġett kumpless.
Ix-xenarju l-aktar komuni tal-użu tar-"referenzjar" huwa l-każ ta' muntatur li jinkorpora oġġett bħala tali jew oġġett kumpless f'oġġett kumpless u li jirreferi għad-*data* sottomessa f'notifika tal-SCIP mill-fornitur upstream tiegħu għall-oġġett inkorporat bħala tali jew oġġett kumpless. F'dan il-każ ir-"Referenzjar" huwa applikabbli biss jekk l-oġġett fornut jibqa' l-istess bħal komponent fl-oġġett kumpless immuntat, jiġifieri ma jgħaddi mill-ebda bidla meta jiġi inkorporat fl-oġġett kumpless:

- Oġġett bħala tali riċevut huwa l-istess bħall-oġġett inkorporat fl-oġġett kumpless immuntat jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fil-forma fiżika (forma, wiċċ u disinn) u fil-kompożizzjoni kimika tiegħu.

- Oġġett kumpless (A) riċevut huwa l-istess bħal dak inkorporat fil-kumpless assemblat (B) jekk:
    - ma hemm l-ebda bidla fil-forma fiżika u lanqas fil-kompożizzjoni ta' kwalunkwe oġġett fl-oġġett kumpless (A) użat bħala komponent meta jiġi mmuntat l-oġġett kumpless (B); u
    - il-komponenti, is-subkomponenti u l-oġġetti fl-oġġett kumpless (A) użati bħala komponenti fil-kumpless immuntat (B) jinżammu l-istess meta jiġi mmuntat l-oġġett kumpless (B).

L-informazzjoni disseminata mill-ECHA dwar dossier ta' notifika tal-SCIP ta' oġġett kumpless bl-użu ta' "referenzjar" għal komponent wieħed jew aktar ta' dak l-oġġett kumpless tinkludi l-informazzjoni li tinsab fid-dossiers diġà sottomessi lill-bażi tad-*data* tal-SCIP għal dawk il-komponenti li qed jirreferi għalihom id-dossier, inkluż l-isem tal-oġġett tal-komponent (l-isem tal-oġġett li jintwera fid-disseminazzjoni se jkun l-isem irrapportat fid-dossier diġà sottomess lill-SCIP) [11].

[11] Għal aktar informazzjoni, it-taqsima 2.3 tad-dokument "Disseminazzjoni u kunfidenzjalità fil-bażi tad-*data* tal-SCIP" disponibbli fuq https://echa.europa.eu/scip-support.

## 3.1 Kif jaħdem ir-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP?

Sabiex ikun jista' jinftiehem aħjar kif jaħdem ir-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP fil-prattika, il-passi sekwenzjali huma elenkati u spjegati fid-dettall hawn taħt bl-appoġġ ta' eżempju ipotetiku (rota A) kif muri fil-Figura 12.

**Figura 12: Ħarsa ġenerali lejn ir-"referenzjar" f'notifika tal-SCIP għal eżempju ipotetiku (rota A)**



1. Kumpanija 1 tipproduċi l-mankijiet tal-manubriji, oġġetti bħala tali li fihom sustanza fil-Lista ta’ Kandidati f’konċentrazzjoni ta’ aktar minn 0.1 % w/w u tfornihom lil Kumpanija 3 biex jiġu inkorporati f’rota. Kumpanija 1 tissottometti dossier ta’ notifika tal-SCIP lill-ECHA għall-Manku tal-Manubriju HCC. B’riżultat tal-proċess ta’ sottomissjoni, Kumpanija 1 tirċievi numru 1 tal-SCIP mingħand l-ECHA fir-rapport tas-sottomissjoni (ara l-Figura ta’ hawn taħt). In-numru tal-SCIP jibqa’ l-istess fil-każ li Kumpanija 1 tissottometti aġġornament ta’ din in-notifika tal-SCIP.




2. Kumpanija 2 timporta r-Roti (Rota X), li jinkorporaw mill-inqas oġġett wieħed bħala tali li fih sustanza mil-Lista ta’ Kandidati f’konċentrazzjoni ta’ aktar minn 0.1 % w/w u tfornihom lil Kumpanija 3 biex jiġu inkorporati f’rota. Kumpanija 2 tissottometti dossier ta’ notifika tal-SCIP lill-ECHA għar-Rota X. B’riżultat tal-proċess ta’ sottomissjoni, Kumpanija 2 tirċievi numru 2 tal-SCIP mingħand l-ECHA fir-rapport tas-sottomissjoni. In-numru tal-SCIP jibqa’ l-istess fil-każ li Kumpanija 2 tissottometti aġġornament ta’ din in-notifika tal-SCIP.

3. Kumpanija 1 (produttur tal-Manku tal-Manubriju HCC) u Kumpanija 2 (importatur tar-Rota X) jipprovdu rispettivament in-numru 1 tal-SCIP u n-numru 2 tal-SCIP, riċevuti fir-rapport tas-sottomissjoni inizjali tal-SCIP, lill-klijenti, jiġifieri Kumpanija 3, ir-riċevituri li jmiss tal-Manku tal-Manubriju HCC u r-Rota X fil-katina tal-provvista. In-numru 1 tal-SCIP u n-numru 2 tal-SCIP jiġu kkomunikati fuq bażi volontarja minn Kumpanija 1 u Kumpanija 2 lill-Kumpanija 3 (muntatur ta’ Rota A), eż. flimkien mal-informazzjoni kkomunikata ’l isfel fil-katina tal-provvista skont l-Artikolu 33(1) ta’ REACH, biex ikun possibbli li Kumpanija 3 tħejji, bl-użu ta’ “referenzjar”, dossier ta’ notifika tal-SCIP għal Rota A.

4. Kumpanija 3, il-muntatur u l-fornitur ta’ Rota A, jeħtieġ li tissottometti notifika tal-SCIP għal Rota A lill-ECHA. Billi Kumpanija 3 irċeviet in-numri 1 u 2 tal-SCIP mingħand Kumpanija 1 u Kumpanija 2, rispettivament, dwar in-notifiki tagħhom tal-SCIP lill-ECHA bis-sottomissjoni ta’ dossier tal-SCIP bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Manku tal-Manubriju HCC u r-Rota X, Kumpanija 3 tista’ tħejji dossier ta’ notifika tal-SCIP għal Rota A bl-użu ta’ “referenzjar”.

It-tħejjija ta' fajl ta' notifika tal-SCIP għal Rota A ssir billi jinħoloq sett ta' *data* għal oġġett fl-IUCLID kif spjegat fid-dokument "Notifiki tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP - Kif tħejji u tissottometti notifika tal-SCIP". Meta tuża ir-"referenzjar" għal dossier ta' notifika tal-SCIP għal Rota A, Kumpanija 3, minflok ma ddaħħal l-informazzjoni kollha dwar il-komponenti ta' Rota A (Manku tal-Manubriju HCC u Rota X) taħt it-taqsima tal-komponent(i) tal-oġġett kumpless, tirrapporta biss in-numri 1 u 2 tal-SCIP għal dawn il-komponenti li rċeviet mingħand Kumpanija 1 u Kumpanija 2, rispettivament, kif muri fil-Figuri 12 u 13, u spjegat fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Il-Figura 13 turi d-*data* li għandha tiddaħħal għal komponent ta' oġġett kumpless minn Kumpanija 3, meta tuża r-"referenzjar" fl-IUCLID. Kumpanija 3 għandha:

- tinkludi l-isem tal-oġġett għall-komponent tal-oġġett kumpless (isem potenzjalment sinifikanti għall-kumpanija li tħejji d-*data*, Kumpanija 3, iżda irrilevanti għad-disseminazzjoni mill-ECHA) fil-kamp'*Article name*' ;
- tagħżel '*SCIP number*' mil-lista'*Primary article identifier type*' ;
- u ddaħħal in-numru tal-SCIP ipprovdut mill-fornitur upstream tal-komponent tal-oġġett kumpless rispettiv taħt il-kamp '*Primary article identifier value*' , jiġifieri, in-numru tal-SCIP ipprovdut minn Kumpanija 1 u Kumpanija 2, rispettivament għall-manku tal-manubriju HCC u r-Rota X).

**Figura 13: Id-*data* meħtieġa għall-komponent tal-oġġett kumpless meta jintuża r-"referenzjar"**




Nota: L-isem tal-komponent (taħt '*Article name*') li qed tirrapporta huwa mingħajr valur għall-effetti tad-disseminazzjoni, jiġifieri l-ECHA tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha (il-bażi tad-*data* tal-SCIP) l-**isem** kif ġie pprovdut fid-dossier li fih l-informazzjoni meħtieġa għall-komponent li qed tirreferi għalih kumpanija.[11] F'dan l-eżempju, l-identifikatur li se jkun disponibbli fuq il-bażi tad-*data* tal-SCIP huwa l-isem tal-komponent irrapportat minn Kumpanija 1: Manku tal-Manubriju HCC (jiġifieri **mhux** l-isem tal-oġġett li l-Kumpanija qed tuża biex tirrapportah - Manubriju_3 (ara Figura 13).

5. Ladarba s-sett tad-*data* tal-oġġett fl-IUCLID ikun ġie ffinalizzat għal Rota A, jiġifieri tkun iddaħħlet l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż "referenzjar" għall-komponenti tal-oġġett kumpless, Kumpanija 3 toħloq dossier ta' notifika tal-SCIP ("*ħafif")* għal Rota A u tissottomettih lill-ECHA fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA (Ara Figura14).

Figura 14 turi t-taqsima '*Upload and submit*' (Tella' u ssottometti) fuq il-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA, fejn is-sottomittent, Kumpanija 3, itella' u jissottometti d-dossier ta' notifika tal-SCIP"ħafif" li ġie maħluq.

**Figura 14: Ħarsa lejn it-taqsima '*Upload and submit*' tal-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA**




6. Wara sottomissjoni b'suċċess tad-dossier ta' notifika tal-SCIP (*'light-weight')* għal Rota A fil-Portal tas-Sottomissjonijiet tal-ECHA, il-Kumpanija 3 tirċievi mingħand l-ECHA, fir-rapport tas-sottomissjoni (ara Figura 1), in-numru 3 tal-SCIP għan-notifika ta' "Rota A". Dan ir-rapport ta' sottomissjoni jinkludi, fost l-oħrajn:
   - l-istatus tan-notifika [*Submission status*];
   - in-numru attribwit tan-notifika tal-SCIP (għar-Rota A) [*SCIP number*];
   - in-numru tas-sottomissjoni [*Submission number*];
   - l-isem [*Article name*], it-tip u l-valur tal-identifikatur tal-oġġett primarju ta' Rota A;
   - it-tip ta' notifika: inizjali jew aġġornament [*Notification type*: *Initial/Update*];
   - u l-avvenimenti tas-sottomissjoni [*Submission events*].

7. Wara li tirċievi mingħand l-ECHA, fir-rapport tas-sottomissjoni ta' sottomissjoni b'suċċess, in-numru 3 tal-SCIP għan-notifika ta' "Rota A", il-Kumpanija 3 tista' tipprovdi fuq bażi volontarja dan in-numru tal-SCIP lill-klijenti, eż. flimkien mal-informazzjoni kkomunikata aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu min-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN), f'każ li jipprovdu l-istess Rota A aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista (eż. jekk ikunu distributuri), kif spjegat fit-taqsima 2 ta' dan id-dokument.

Fl-eżempju muri f'Figura 12, jekk Kumpanija 1 taġġorna n-notifika tagħha għall-manku tal-manubriju HCC, Kumpanija 3 m'għandhiex bżonn terġa' tissottometti jew taġġorna n-notifika tagħha għal Rota A, sakemm l-aġġornament ikun rilevanti għaliha. Madankollu, Kumpanija 1 għandha tikkomunika l-bidliet fid-dossier aġġornat sottomess lill-ECHA pereżempju bħala parti

mill-informazzjoni kkomunikata skont l-Artikolu 33(1) ta’ REACH lill-Kumpanija 3. Dawn il-kumpaniji għandhom jgħaddu din l-informazzjoni lill-atturi li jmiss fil-katina tal-provvista, eċċ.

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
P.O. BOX 400, FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU